Ħolm tal-Milied? ta’ Trevor Żahra

Leli kien tifel waħdu u kien joqgħod mal-ġenituri tiegħu, imma ta' spiss kont issibu għand in-nanna Franġiska u z-zija Anni. Darba minnhom, meta kien għand in-nanna huwa staqsiha għala l-familja tagħhom qatt ma kienu jżejnu għall-Milied u għala ma kinux iridu li dan iż-żmien jasal.

In-nanna spjegatlu kif il-Milied kien ġab biss niket fil-familja tagħhom u qaltlu li f'dawk il-ġranet dejjem seħħew ġrajjiet koroh. Pereżempju l-mewt t' ommha u l-mewt tat-tarbija taz-zijiet ta' Leli. Għall-familja kollha l-Milied kien żmien ta' diżgrazzji, imma Leli kellu opinjoni differenti. Il-Milied kien jogħġbu tassew!

Meta darba Leli kien għand in-nanna, fetillu jitla' fil-kamra ta' fuq li rari kien jidħol fiha. Meta ħares ġol-mera lemaħ wiċċ ta' raġel xiħ b'għajnejh koħol, xagħar folt ħamrani u par mustaċċi ħomor. Leli twerwer u tar 'il barra.

Ftit tal-ġranet wara, Leli kellu bżonn jorqod għand in-nanna. Il-biża' li kellu kienet kbira u b'hekk ħaseb f'idea brillanti. Meta telaq jorqod beda jgħajjat u jwerżaq u meta z-zija u n-nanna ġew ħdejh qalilhom li kien ra wiżgħa. Il-pjan ta' Leli ħadem u dak il-lejl raqad ħdejhom.

Fil-lejl tal-ġurnata ta' wara Leli ma setax jorqod. Meta sejjaħ lil ommu huwa kien jaħraq u kellu d-deni. Kellu għonqu minfuh u ħafna ħakk. L-għada filgħodu t-tabib ġie jarah u lil ommu, Rożina, qalilha li ma kellu xejn u li kien se jerġa' jmur jarah filgħaxija għax kellu bżonn ikellem lil Louis, missier Leli.

Filgħaxija t-tabib kellem lil Louis waħdu u qallu li Leli kellu marda serja u li kien jeħtieġ il-kura malajr. Hekk kif kien qed jiktiblu r-riċetta daħlet Rożina u ndunat b'kollox. B'hekk it-tabib kellu jispjegalha l-marda ta' Leli.

In-nanna Franġiska bdiet tmur siegħa fil-kappella tas-sorijiet kuljum u meta darba s-soru ratha tibki saqsietha x'ġaralha. Franġiska qaltilha l-istorja kollha u s-soru weditha li t-tfal tal-istitut kienu se jitolbu lil San Franġisk għall-bżonnijiet tiegħu.

Leli beda jaqleb għall-agħar u ħaduh l-isptar. L-għada qam aħjar u mis-sodda tiegħu seta' jara presepju. Fih kien hemm xi ħaġa stramba. Fih kien hemm San Franġisk.

Bil-lejl Leli ħolom li hu kien ċkien u sar parti mill-presepju. Fil-presepju sab ħafna nies li għenuh u li wasluh fil-post fejn kellu iqatta l-Milied tiegħu. Huwa kellu jagħmel dan billi jaqbeż mill-presepju għal isfel. Meta mess mal-art reġa' kiber u f'daqqa waħda nfetaħ il-bieb u Leli lemaħ raġel xiħ b'xuxtu ħamranija. Ir-raġel tal-mera! Iżda din id-darba ma beżgħax minnu u dan ħadu fejn martu biex jieklu xi ħaġa.

Fiż-żmien li dam hemm huwa ltaqa' ma' Betti, tifla li kienet tiġbor in-narċis. Meta Leli mar jiġbor in-narċis magħha hija qaltlu li kienet marida serjament, imma meta qalilha li hu kien marid wkoll hija ma emmnitux għax fil-ħolma huwa ma kienx jidher marid.

Meta qam reġa' sab ruħu l-isptar b'aktar uġiegħ mis-soltu. It-tabib kellem lil Louis u qallu li għal Leli ma kienx għad hemm tama u li l-unika ħaġa li setgħu jagħmlu kienet li jitolbu.

Dak il-lejl Leli reġa' daħal fil-presepju u mar jara lix-xjuħ. Tgħidx kemm ferħu bih. Huwa nduna li kull ġurnata fir-realtà hija sena fil-ħolma. Ħaduh għall-quddiesa ta' nofs il-lejl u peress li kien jaf il-priedka tal-Milied, huwa għamilha fil-quddiesa t'hemm. L-akbar xewqa ta' Leli kienet li jara lil Betti, imma Betti ma kinitx hemm. Meta saqsa għalija, ix-xiħ qallu li Betti kienet ma tiflaħx serjament u wegħduh li l-għada kienu sejrin jarawha.

L-għada kien jum il-Milied fil-ħolma u Leli baqa' maż-żewġt ixjuħ. Filgħodu marru għall-ikel mill-forn u wara baqgħu sejrin għand Betti. Betti kienet fis-seba' sema

hekk kif rat lil Leli. Leli qalilhom biex imorru jieklu għandhom, imma Betti ma setgħetx tiċċaqlaq allura x-xiħ ġietu l-idea li huma jġibu l-ikel għand Betti.

Leli ntilef mir-raqda u reġa qam. Beda jhewden, imma malajr reġa' raqad. Din id-darba sar jaf li Betti kienet mietet u li x-xiħa kienet waslet fl-aħħar ukoll. Ix-xiħa qaltlu li hi kienet se tmut minfloku, u dan il-kliem kien minnu.

Meta qam kien il-Milied fir-realtà. Kulħadd ġab għajnejh wara widnejh meta ra l-'miraklu' li kien sar. Leli kien fieq minn kollox! L-ebda mediċina ma kienet fejqitu iżda t-talb u l-imħabba ta' madwaru. Leli malajr inġabar ma' qrabatu u flimkien kellhom Milied hieni. Wara s-snin iqabblu l-Milied mad-diżgrazzji, issa setgħu iqabbluh ma xi ħaġa posittiva, il-fejqan ta' Leli.

Ħsieb

Il-ktieb il-Ħolma tal-Milied għoġobni ħafna għax fih avventura wara l-oħra u b'hekk ma tkunx tista' tieqaf taqrah. Allavolja ktieb tal-fantaxjenza xorta waħda għandu ħafna tagħlim u messaġġi li jgħoddu għalina.

It-tama hija importanti. Meta l-ebda mediċina ma ħadmet għal Leli, t-tama kienet dik il-ħaġa li setgħet issalvah, għax jekk naqtgħu qalbna ħajjitna tkun bla skop.

Kulħadd għandu bżonn lil ħaddieħor. Xhieda ta' dan huwa l-kliem li Betti qalet lil Leli meta skuża ruħu li ma ġabilix rigal: għaliha l-akbar rigal li qatt seta' jatiha kien li mar jaragħha.

Matul l-istorja kollha naraw l-għaqda, speċjalment fl-aħħar kapitlu fejn għadd ta' familji ingħaqdu flimkien biex kielu u xorbu bħala familja waħda.

Fil-ħajja dejjem għandna l-għażliet. Fl-istorja Leli kellu l-għażla jekk iridx jibqa' fil-presepju għal dejjem, jiġilfieri jagħżel li jeħles mill-uġigħ u jmut, jew li jkompli jbati u jgħix. Ġieli aħjar tbati għal ċertu perjodu ta' żmien milli tagħżel li ma tbatix u jiddispjaċik.

Meta Leli kien joħlom u jmur ħdejn ix-xjuħ dejjem kien ikun iż-żmien tal-Milied. Il-Milied m'għandux ikun biss f'Diċembru imma għandu jkun kuljum. Il-Milied iġib l-

għaqda, il-paċi u l-imħabba fost oħrajn u dawn il-valuri għandhom jkunu dejjem fina mhux fil-jiem tal-Milied biss.